**Strieħ**

llum smajt leħnek
Ħadt pjaċir bih,
Għax int minn tagħna
L-imnikket timlieh

Bil-ferħ ta' mħabbtek
Jinħass kullimkien,
Kulfejn tmur tferraħ
Bħalek m'hawn imkien.

Fuq ruħek mnalla
F'did-dinja ta' wġieħ,
Imħabbtek zokkor
Tirranġa mill-qiegħ.

Bniedma ta' kelma
Umli u ħelwa,
Tiffriska l-qiegħa
Tal-għasel fewġa.

Nixtieqek tistrieħ
Dejjem għaddejja,
Ilhom ma jarawk
Dawn dwal għajnejja.

Ibqa' sabiħa
B'qalbek mifuħa,
B'dik it-tbissima
U qatt minfuħa.

Issa għadda l-ħin
U l-jum qed jisbieħ,
Ħudha bil-kalma
Nitolbok biss ... strieħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 t'April 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen